III

(Atti preparatorji)

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-25 ta' Marzu 2022

dwar proposta għal regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 549/2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea

(CON/2022/12)

(2022/C 218/02)

Introduzzjoni u bażi legali

Fit-3 u t-28 ta' Jannar 2022 l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talbiet mingħand il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, rispettivament, għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 549/2013 u li jħassar 11-il att legali fil-qasam tal-kontijiet nazzjonali ([1]) (minn hawn 'il quddiem ir-"regolament propost").

Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikoli 127(4) u 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 127(2) tat-Trattat u l-Artikolu 3 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ"), peress li r-regolament propost jikkonċerna l-kompetenza tal-BĊE skont l-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ li jiġbor it-tagħrif statistiku meħtieġ sabiex iwettaq il-kompiti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u jikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni, fejn meħtieġ, tar-regoli u l-prattiki li jirregolaw il-ġbir, il-kumpilazzjoni u d-distribuzzjoni tal-istatistika fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

1. Osservazzjonijiet Ġenerali

1.1. Is-SEBĊ u s-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) jikkooperaw mill-qrib biex jimminimizzaw il-piż tar-rapportar u jiggarantixxu l-koerenza meħtieġa għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea ([2]). Il-kooperazzjoni bejn is-SEBĊ u l-ESS hija rregolata ulterjorment minn ftehimiet rilevanti bejn is-SEBĊ u l-ESS, bħall-Memorandum ta' Ftehim dwar il-Kooperazzjoni bejn il-Membri tas-SEBĊ u l-ESS ([3]), li jkopri oqsma ta' responsabbiltà kondiviża jew interess komuni, jiġifieri l-bilanċ tal-pagamenti, l-istatistika finanzjarja, l-istatistika tal-finanzi tal-gvern, l-istatistika makroekonomika u l-kontijiet nazzjonali. Minkejja li l-membri tas-SEBĊ u tal-ESS jissodisfaw ir-responsabbiltajiet statistiċi tagħhom stess skont oqfsa legali separati ([4]), fid-dawl tal-interdipendenzi tal-qafas statistiku tas-SEBĊ u tal-ESS, l-emendi għar-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) (minn hawn 'il quddiem

([1]) COM(2021) 776 final.

([2]) Ara l-Artikolu 2a tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8).

([3]) Memorandum ta' Ftehim dwar il-Kooperazzjoni bejn il-Membri tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika u l-Membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (*Memorandum of Understanding on the Cooperation between the Members of the European Statistical System and the Members of the European System of Central Banks*), 24 ta' April 2013, disponibbli fuq is-sit web tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu.

([4]) Ara l-paragrafu 3 tal-Opinjoni CON/2011/44 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Mejju 2011 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU C 203, 9.7.2011, p.3). L-opinjonijiet kollha tal-BĊE huma ppubblikati fuq EUR-Lex.

([5]) Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).

"ir-Regolament ESA 2010") huma rilevanti għar-rekwiżiti ta' rapportar statistiku tas-SEBĊ, speċjalment fl-oqsma tar-responsabbiltà kondiviża jew tal-interess komuni tagħhom ([6]). Barra minn hekk, ir-Regolament ESA 2010 jintuża bħala referenza f'diversi atti legali tal-qafas legali statistiku tal-BĊE. Għalhekk, emendi għar-Regolament ESA 2010 jista' jkollhom implikazzjonijiet għall-qafas legali statistiku tal-BĊE.

1.2. Bħala produttur u utent tal-istatistika Ewropea, il-BĊE jilqa' b'mod ġenerali l-emenda tar-regolament propost tar-Regolament ESA 2010 bħala pass lejn it-titjib ulterjuri tal-kwalità tal-kontijiet nazzjonali. Peress li r-Regolament ESA 2010 jifforma l-qalba tal-istatistika makroekonomika Ewropea, dan għandu rwol vitali għal diversi kompiti tal-BĊE u tal-Eurosistema, bħall-analiżi tal-politika monetarja u t-tħejjija ta' projezzjonijiet ekonomiċi u fiskali ([7]).

1.3. Il-BĊE jilqa' t-tisħiħ tal-konsistenza tad-*data*, introdott mir-regolament propost, f'diversi tabelli rrapportati taħt il-programm ta' trażmissjoni ESA 2010. Fl-istess ħin, *data* kompluta u f'waqtha tal-kontijiet nazzjonali, b'mod partikolari għall-Istati Membri taż-żona tal-euro, hija essenzjali għall-BĊE. F'dan ir-rigward, il-programm ta' trażmissjoni propost tal-ESA 2010 jiżgura bilanċ tajjeb bejn it-tempestività, il-kompletezza u l-konsistenza tad-*data* nazzjonali rrappurtata ([8]).

1.4. Barra minn hekk, il-BĊE jilqa' l-fatt li r-regolament propost jallinja r-Regolament ESA 2010 mal-Klassifikazzjoni tal-Konsum Individwali skont l-Iskop ([9]) riveduta, peress li dan jiżgura l-komparabbiltà tad-*data* bejn il-pajjiżi u jżomm ir-rilevanza tagħha għall-utenti.

2. **Osservazzjonijiet speċifiċi: Anness 2 għar-regolament propost**

2.1. Il-BĊE jaqbel b'mod ġenerali mal-emendi għall-programm ta' trażmissjoni ESA 2010 li jinsabu fl-Anness 2 għar-regolament propost, soġġett għall-osservazzjonijiet speċifiċi li ġejjin.

2.2. Il-BĊE jilqa' l-inklużjoni tat-trażmissjoni volontarja ta' stimi rapidi tal-prodott domestiku gross (PDG) u tal-impjiegi trimestrali (Tabella 1F), użati għall-pubblikazzjoni tal-aggregati taż-żona tal-euro wara t-tmiem tat-trimestru ta' referenza ([10]). Dawn l-istimi rapidi huma ta' importanza kbira għall-BĊE fl-analiżi tat-tkabbir ekonomiku taż-żona tal-euro u d-dinamika sottostanti tiegħu.

2.3. Fir-rigward tat-trażmissjoni mill-ġdid tal-aggregati ewlenin tal-kontijiet nazzjonali trimestrali (Tabella 1Q) tliet xhur wara t-trimestru ta' referenza, dan jista' jippromwovi l-konsistenza fit-tabelli u l-frekwenzi. F'dan ir-rigward, il-BĊE jħeġġeġ lill-Kummissjoni (Eurostat) biex tirrevedi l-impatt ta' tali trażmissjonijiet mill-ġdid tad-*data* nazzjonali fuq il-frekwenza u l-kalendarju tal-pubblikazzjoni tal-aggregati ewlenin tal-PDG trimestrali taż-żona tal-euro. B'mod partikolari, id-dispożizzjoni l-ġdida tista' tippermetti li jittieħdu passi lejn it-titjib tat-tempestività tal-pubblikazzjoni tad-*data* finali taż-żona tal-euro mhux aktar tard minn 100 jum wara t-tmiem tat-trimestru ta' referenza.

2.4. Il-BĊE jilqa' t-trażmissjoni ta' *data* ġdida dwar tranżazzjonijiet ma' istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni Ewropea (Tabella 2 dwar l-aggregati ewlenin annwali tal-gvern ġenerali u s-sottosetturi tiegħu) u jinkoraġġixxi l-kompilazzjoni mill-Kummissjoni (Eurostat) tal-kontijiet tal-istituzzjonijiet Ewropej ikklassifikati fis-settur tal-gvern, f'kooperazzjoni sħiħa bejn il-proċedura ta' defiċit eċċessiv u l-istatistika tal-kontijiet nazzjonali. It-tnedija ta' NextGenerationEU titkellem ukoll favur ir-reviżjoni u l-kompilazzjoni tal-kontijiet tal-istituzzjonijiet Ewropej biex jiġi żgurat qafas statistiku u analitiku sod.

([6]) Ara l-paragrafu 7 tal-Opinjoni CON/2011/44.
([7]) Ara l-paragrafu 1 tal-Opinjoni CON/2011/44.
([8]) L-Anness 2 għar-regolament propost li jemenda l-Anness B għar-Regolament ESA 2010.
([9]) L-Anness 1 għar-regolament propost li jemenda l-Anness A għar-Regolament ESA 2010.
([10]) L-istimi rapidi tal-PDG jiġu ppubblikati 30 u 45 jum wara t-tmiem tat-trimestru ta' referenza. L-istimi rapidi tal-impjieg jiġu ppubblikati 45 jum wara t-tmiem tat-trimestru ta' referenza.

2.5. L-Anness 2 tar-regolament propost jintroduċi rekwiżit ġdid għall-Istati Membri biex jittrażmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) il-kontijiet finanzjarji annwali skont is-settur (Tabella 6) u l-karti tal-bilanċ annwali għall-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji (Tabella 7) diġà erba' xhur wara tmiem is-sena. Il-partiti msemmija hawn fuq, li skont ir-regolament propost ser jiġu rrapportati lill-Kummissjoni (Eurostat) bi frekwenza annwali, huma inklużi wkoll fil-Linja Gwida 2014/3/UE tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/24) ([11]), li skontha l-banek ċentrali tal-Eurosistema huma meħtieġa jirrapportaw lill-BĊE dwar il-kontijiet finanzjarji trimestrali. Din id-*data* trimestrali f'waqtha tiġi trażmessa kull tliet xhur mill-BĊE lill-Kummissjoni (Eurostat), u hija, bi ftit eċċezzjonijiet, konsistenti mad-*data* annwali meħtieġa skont ir-regolament propost.

2.6. Kull tliet xhur il-BĊE u l-Kummissjoni (Eurostat) jikkompilaw u jirrilaxxaw b'mod konġunt il-kontijiet integrati taż-żona tal-euro li jkopru l-kontijiet finanzjarji u mhux finanzjarji għas-setturi istituzzjonali taż-żona tal-euro. Il-programm ta' trażmissjoni tal-ESA 2010 huwa sors statistiku essenzjali għat-twettiq ta' dan il-kompitu. Għalhekk, il-BĊE jilqa' b'mod partikolari l-fatt li r-regolament propost jippreserva d-disponibbiltà ta' kontijiet mhux finanzjarji trimestrali skont is-settur (Tabella 801) u kontijiet finanzjarji trimestrali u karti tal-bilanċ tal-gvern ġenerali (Tabella 27) għall-Istati Membri taż-żona tal-euro 85 jum wara t-tmiem tat-trimestru ta' referenza. Il-forniment ta' din id-*data* trimestrali f'waqtha u affidabbli huwa prijorità għolja għall-BĊE.

2.7. Il-BĊE jirrikonoxxi li huwa importanti li l-istatistika tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet tiġi adattata għall-iżviluppi ekonomiċi u għad-domandi emerġenti tal-utenti. Għalhekk, il-BĊE jinkoraġġixxi, għal skopijiet ta' analiżi tal-politika, rapportar aktar komplet u obbligatorju għall-istatistika dwar l-investiment u l-assi fissi tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, bi tqassim skont l-attività ekonomika fejn applikabbli. Dan jikkonċerna l-aggregati ewlenin tal-kontijiet nazzjonali annwali (Tabella 1A) u trimestrali (Tabella 1Q), kontroklassifikazzjoni tal-assi fissi skont l-attività ekonomika u skont l-assi (Tabella 20) u kontroklassifikazzjoni tal-formazzjoni tal-kapital gross fiss skont l-attività ekonomika u skont l-assi (Tabella 22). Barra minn hekk, il-BĊE jissuġġerixxi l-inklużjoni ta' rappurtar obbligatorju ta' oġġetti u servizzi semi-durabbli u mhux durabbli fit-Tabella 1Q, kif ukoll tal-inqas rappurtar volontarju ta' art li fuqha jinsabu binjiet u strutturi fil-karti tal-bilanċ għal assi mhux finanzjarji fit-Tabella 26.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-25 ta' Marzu 2022.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

([11]) Linja Gwida 2014/3/UE tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-25 ta' Lulju 2013 dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar tal-istatistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji trimestrali (BĊE/2013/24) (ĠU L 2, 7.1.2014, p. 34).